MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 986/2003

**Josephine Debono**
**Vs**

**Chairman u Chief Executive**
**Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta**

**It-Tribunal**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur, fis-16 ta' Mejju, 2003, fejn l-attrici kienet involuta f'incident stradali bil-vettura ALF 619 liema incident sehh nhar il-15 ta' April, 2002 fi Triq il-Ferrovija, Santa Venera, liema incident sehh u kawza nuqqasijiet attribwibbli unikament lil konvenut u dan kif jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Ghaldaqstant, l-attur jitlob lit-Tribuna jikkundanna lill-konvenuti ihallsu is-somma ta' hames mija tmienja u tletin lira u tnejn u tmenin centezmu (Lm538.82).**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tal-10 ta' Mejju, 2002 u tal-ittra ufficjali, bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti minn issa ingunti ghas-subizzjoni.**

**Wara li ra t-talba tal-attrici ghall-kundanna tal-konvenuti fis-somma ta' Lm538.82 (hames mija u tmienja u tletin liri maltin u tnejn u tmenin centezmu) rapprezentanti danni inkorsi fil-15 ta' April, 2002 fil-vettura taghha numru ALF-619.**

**Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata l-10 ta' Mejju, 2002 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-Nota tal-mistoqsija tal-attrici sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuti, fid-29 ta' Settembru, 2003 naqsu u ma dehrux meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra,**

**Jiddeciedi billi jilqa' it-talbiet attrici bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------